MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-22 ta' April, 2009

Numru 541/2006

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Carmelo Bartolo)**

**Versus**

**Joseph Cassar u**
**Francis Muscat**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Joseph Cassar ta’ 44 sena, bin Anthony u Margaret nee Muscat, imwieled il-Pieta’ nhar it-18 t’April 1961 u li joqgħod ‘Calcaolaria’ Triq il-Kurkania Żebbuġ detentur tal-karta tal-identita’ bin-numur 292361(M)

U

Francis Muscat ta' 34 sena, bin Paul u Maryrose nee Melito, imwieled il-Pieta' nhar is-7 ta' Jannar 1972 u li joqħgod 9 Triq in-Normandija Pembroke detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 60272 (M)

Akkużati talli f'dawn il-Gżejejr nhar id-9 ta' Settembru 2004 u matul ix-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti magħmulin ukoll jekk if żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi u li li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda

1) ikkomeetew serq ta' servizz tal-cable television ikkwalifikat bil-mezz, ħin kif ukoll valur li jiskorri l-mitt lira Maltija iżda mhxu l-elef lira Maltija għad-detriment tad-dirġenti tas-soċjeta' Melita Cable Plc;

2) kif ukol f'dawn il-Gżejjer, fl-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanzi, approprijaw irwieħhom billi dawwru fi profit għalihom jew għal persuna oħra minn ħaġa ta' ħadd ieħor li ġiet fdata jew ikkunsinnata lilhom taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, liema ħsara li saret għad-detriment tas-soċjeta' Melita Cable Plc tammonta għal aktar minn mitt lira Maltija, iżda mhxu aktar minn elf lira Maltija;

3) Kif ukoll f'dawn il-Gżejjer, fl-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanzi qattgħu, kissru, waqqgħu, iddistruġġew, għamlu ħsara, neħħew, bagħbsu jew ikkonettjaw ma' xi parti ta' apparat, duct,arblu, cabinet, fil-cable jew oġġett jew ħaġa li jkunu li jagħmlu sehem minn jew li jintużaw jew iservu fin-network ta' cable television;

4) kif ukoll talli f'dawn il-Gżejjer, fl-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanzi, bnew, biddlu, għamlu, ippossedew, biegħu jew xtraw xi apparat li bih setggħu jikkonnettjaw kontra l-Liġi ma' sistema ta' telekomunikazzjoni;

5) kif ukoll talli f'dawn il-Gżejjer, fl-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanzi iffalsifikaw jew biddlu mingħajr il-kunsens tas-sid, id-disinji jew mudelli ta' manifattura jew xjentement għamlu użu ta' dawn id-disinji jew mudelli

ffalsifikati jew imbiddla, ukoll jekk minn ħaddieħor, mingħajr il-kunsens tas-sid;

6) U aktar, fuq talba taċ-Chairman tal-Awtorita’ ta’ Malta dwar il-Komunikazzjoni, talli f’dawn il-Gżejjer, fl-istess perjodu ta’ żmienb u ċirkostanzi bnew, sewwe, żammew f’kundizzjoni tajba, biddlu jew ikkontrollaw xi apparat jew stallazzjoni mingħajr ma kellu l-kwalifiki meħtieġa għal dan l-iskop bl-Att li jiregola l-Komunikazzjonijiet elettroniċi jew taħtu;

7) U aktar, talli fuq talba taċ-Chairman tal-Awtorita’ ta’ Malta dwar il-Komunikazzjoni, talli f’dawn il-Gżejjer, fl-istess perjodu ta’ żmien u ċirkostanzi, biegħu jew offrew għall-bejgħ jew ipprovdew jew istallaw jew użaw xi stallazzjoni jew apparat li ma jikkonformax ma’ tali standards jew speċifikazzjonijiet tekniċi skond ma huma meħtieġa jew stabbiliti fl-Att biex jirregola Kommunikazzjonijiet elettroniċi jew taħtu, jew li kienu jafu jew kellhom tassew raġonevolment għaliex jaħsbu li kienu difettużi jew inkompatibbli mas-servizzi li dwarhom jkunu nbiegħu, ġew provduti istallati jew użati;

8) kif ukoll talli fuq talba taċ-Chairman tal-Awtorita’ ta’ Malta dwar il-Komunikazzjoni tallif ‘dawn il-Gżejjer, fl-istess perjodu ta’ żmien u ċirkostanzi pprovdew xi servizz ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi jew installaw jew ħaddmu xi network jew apparat ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi bi ksur ta’ xi dispożizzjoni tal-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettoniċi jew taħtu jew bi ksur ta’ xi kundizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni imposti bl-Att biex jirregola l-Komunikazzjonijiet Elettroniċi jew taħtu;

9) kif ukoll talli f’dawn il-Gżjjer, fl-istess perjodu ta’ żmien u ċirksotanzi, użaw xi network jew apparat ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi fornut minn impriża għal għan li ma jkunx dak li ġie fornut għalih jew ittraskuraw milli josservaw l-istruzzjonijet li jkunu maħruġa mill-impriża għall-użu kif imiss tan-network jew apparat ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi jew inkella użawh b’mod mhux kif imiss;

Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi, il-kunsens tal-Avukat Ġenerali u tal-imputati sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, iċ-ċertifikati tat-twelid tal-imputati li jġibu n-numri 2923 tal-1961 u 602 tal-1972 rispettivament, il-fedini penali tagħhom kif ukoll l-ammissjoni magħmula minnhom fis-seduta tas-7 ta' Jannar 2009.

L-imputati, wara li ngħataw żmien biex jirriflettu dwar l-ammissjoni tagħhom, ikkonfermaw din l-ammissjoni.

Stante din l-ammissjoni, l-imputazzjonijiet kienu ppruvati skond il-Liġi.

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(h), 261(a)(c)(f), 263, 267, 270, 278, 279, 280, 293, 298 (1)(b), 310(a), 326(1)(g) tal-Kap 9, u l-artikoli 35(1)(a)(b)(ċ)(d) tal-Kap 399 tal-Liġijiet ta' Malta issib lill-imputati ħatja tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tagħhom, b'dan pero' li imputazzjonijiet numru 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, huma assorbiti fl-imputazzjonijiet 8 u 9. Stante li l-imputati għamlu ammissjoni bikrija, il-Qorti qed tikkundanna lil kull wieħed mill-imputati sabiex iħallas multa ta' €1200 liema multa għandha titħallas fiż-żmien mogħti mil-Liġi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------